**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 13.09.09: L-ERBGĦA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**
**Fis-6.30a.m**. quddiesa bl-omelija dwar d-derhiet ta' Fatima li tkun intenzjoni ta' Salvu Mercieca
**IT-TNEJN, 14.09.09: FESTA TA' L-EŻALTAZZJONI TAS-SALIB IMQADDES.**
**Fis-7.00p.m.** quddiesa bl-omelija dwar is-Salib Imqaddes.
**IT-TLIETA, 15.09.09: TIFKIRA TAL-IMQADDSA VERĠNI MARIJA TAD-DULURI.**
Xieraq li nieħdu sehem fil-quddiesa f'dawn il-jumejn
**Fis-7.00p.m.** quddiesa bl-omelija dwar id-duluri tal-Verġni Marija Santissma.
**L-ERBGĦA, 16.09.09: IL-145 ANNIVERSARJU MIT-TWAQQIF TAD-DJOĊESI TA' GĦAWDEX.**
Nagħmlu att ta' ringrazzjament lil Alla.
**IL-ĦADD, 20.09.09: il-ĦAMSA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**

**Esperjenza ta' Talb** għaż-Żgħażagħ minn 17 il-sena 'l fuq. l-Sibt, 19 u l-Haff 20 fil-Kompless tal-MAS Għ'Sielem. Iktar dettalji minn għand Dorienne Portelli 99893994.

## ĠIMGĦA TA' SPIRITWALITA'

Bi tħejjij għas-sena pastorali lii tkun ġejja, il-parroċċa ta' kull sena torganizza Ġimgħa ta' Spiritwalita', biex biha nagħtu bidu tal-Pjan Pastorali għal din is-sena.
Il-Pjan pastorali tal-Parroċċa huwa marbut ma' dak li tħejji d-djoċesi biex ikun hemm uniformita' f'dak li jsir fil-parroċċl kollha.

Fuq bażi djoċesana hemm imħejji :

- il-**Pjan Pastorali ġenerali** li se jkun mifrux fuq tliet snin li jħaddan fih il-kategoriji kollha tal-poplu ta' Alla..
- Il-**Pjan Pastorali Familjari** li huwa maħsub għall-familja, mit-tħejjija għaż-żwieġ sal formazzjoni kontin-wata tal-koppji miżżewġa.
- Il-**Pjan għas-Sena Saċerdotali** marbut mas-Sena dedikata lis-Saċerdoti .
- Il-Programm marbut mal-**Kungress Ewkarsitiku** Djoċesan li għandu jiġi ċċelebrat matul Ottubru u No-vembru biex ifakkar it-80 sena mill-ewwel kungress Ewkaristiku li kien sar f'Għawdex.

Dawn huma l-Pjanijiet imħejjija mid-Djoċesi tagħna u li se jitwettqu fil-parroċċl kollha.
F'dawn il-programmi pastorali mportant li wieħed jara fihom ir-rieda ta' Alla għalina matul din is-sena. U għalhekk , titlob minna mpenn biex inwettqu dak li Alla qed jitlob minna.
Kull membru tal-poplu ta' Alla għandu jħoss ir-responsabilta' biex kull attivita' tħalli frott spiritwali fil-komunitajiet tagħna,
Għalhekk, qabel xejn irridu nitolbu ħafna ħalli dan il-pjan ta' Alla għalina jseħħ kif jixtieq Hu. Bit-talb tagħna nkunu qed ngħinu l-komunita' parrokkjali tersaq lejn Alla permezz ta' dan il-pjan.
Dan hu l-iskop ta' din il-Ġimgħa ta' Spiritwalita' : biex permezz tat-talb u tas-smiegħ tal-kelma, nitħejjew tajjeb ghas-sena li ġejja li qed titlob minn ħafna mpenn.
Mela quddiem dan kollu, żomm dawn id-dati tal-Ġimgħa ta' Spiritwalita' liberi biex tkun tista' tieħu sehem fil-laqgħa li se jsiru apposta, quddiem il-Museum (jekk it-temp ikun jipper-metti).
Id-Dati se jkunu : **22, 23, 24 u 25 ta' Settembru 2009.**
Ikun hemm post bil-qegħda għal kulħadd.